



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

10505/23

PECHE 241  
ENV 677  
POLMAR 33  
ENER 353  
UK 123

#### NOTA

|          |                                                                                                                                                   |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                  |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                     |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pakkett tal-politika tas-sajd – għal settur tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, reżiljenti u kompetittiv |

# **ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PAKKETT TAL-POLITIKA TAS-SAJD**

**għal settur tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, reżiljenti u kompetittiv**

## **IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

### **FILWAQT LI JFAKKAR:**

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt<sup>1</sup>;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti<sup>2</sup>;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022 dwar il-linji gwida strateġiċi l-ġodda tal-UE dwar l-akkwakultura<sup>3</sup>;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għal oċeani u ibħra sikuri, siguri, nodfa, sani u ġestiti b'mod sostenibbli<sup>4</sup>;

### **WARA LI KKUNSIDRA:**

- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Frar 2023 intitolata "Il-politika komuni tas-sajd illum u għada: Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani lejn ġestjoni tas-sajd sostenibbli, ibbażata fuq ix-xjenza, innovattiva u inklużiva" (COM(2023) 103 final)<sup>5</sup> u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjahha intitolat "Common Fisheries Policy - State of play" (Politika Komuni tas-Sajd - Is-sitwazzjoni attwali) (SWD (2023) 103 final)<sup>6</sup>;

---

<sup>1</sup> ST 12099/20.

<sup>2</sup> ST 12210/20.

<sup>3</sup> ST 11496/22.

<sup>4</sup> ST 15973/22.

<sup>5</sup> ST 6716/23 + COR 1.

<sup>6</sup> ST 6716/23 ADD 1 REV 1 + COR 1.

- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Frar 2023 intitolata "Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti" (COM(2023) 102 final)<sup>7</sup>;
  - il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Frar 2023 intitolata "Dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE" (COM (2023) 100 final)<sup>8</sup>;
  - ir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Frar 2023 intitolat "L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura" (COM(2023) 101 final)<sup>9</sup>;
  - il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Novembru 2022 intitolat "Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli" (COM(2022) 592 final)<sup>10</sup>;
1. JENFASIZZA r-rwol importanti tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura bħala sors ta' ikel tajjeb għas-saħħa u l-kontribut tagħhom għas-sigurtà tal-ikel;
  2. JENFASIZZA l-importanza tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) bħala politika komuni li tirrikonċilja l-għanijiet ambjentali mal-attività ekonomika u l-aspetti soċjali, b'ħafna kisbiet bħall-isfruttament ta' għadd dejjem jikber ta' stokkijiet tal-ħut tal-UE fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY);

---

<sup>7</sup> ST 6690/23 + COR 1.

<sup>8</sup> ST 6689/23 + COR 1.

<sup>9</sup> ST 6691/23 + COR 1.

<sup>10</sup> ST 14784/22 + ADD 1.

3. IFAKKAR fit-tliet pilastru tas-sostenibbiltà fil-PKS li jikkontribwixxu għall-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura tal-UE, jiżguraw il-kompetittività tas-settur u jiggwarantixxu standard tal-għajxien ġust għall-komunitajiet kostali u rurali;
4. JAGĦRAF il-miri stabbiliti mill-Kummissjoni fl-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità u l-ħtieġa li jiġu protetti l-ekosistemi tal-baħar kif stabbilit fil-PKS, li tiżgura sajd sostenibbli u tippreserva l-għajxien tas-sajjieda;
5. JAQBEL mal-oġġettiv ta' sostenibbiltà fit-tul, ta' reżiljenza u ta' kompetittività għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni intensiva bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għandu jkollhom rwol ċentrali; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' approċċ kollaborattiv, li jiżgura xiri bil-forza u impenn mill-partijiet ikkonċernati;
6. JINNOTA li l-Pakkett tal-Politika tas-Sajd tal-Kummissjoni Ewropea jistabbilixxi għadd sinifikanti ta' oġġettivi ambizzjużi mhux legalment vinkolanti għall-Istati Membri u l-operaturi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mingħajr il-bażi neċessarja ta' analiżi tal-impatt xjentifika jew soċjoekonomika; JENFASIZZA li dan jirrikjedi evalwazzjoni ġenerali tal-adegwatezza tal-qafas legali, l-istrumenti politiċi u l-mezzi finanzjarji fi ħdan il-PKS biex jiġu vvalutati dawn l-oġġettivi minn perspettiva ta' settur Ewropew tas-sajd u tal-akkwakultura ekonomikament vijabbli u modern li jiggwarantixxi provvista stabbli ta' proteini tajbin għas-saħħa għas-suq Ewropew għas-snin li ġejjin;

7. IFAKKAR li fatturi oħra minbarra s-sajd, b'hat-tibdil fil-klima, l-ewtrofikazzjoni, l-ispeċijiet aljeni invażivi, il-predaturi u attivitajiet ekonomiċi oħra huma fatturi importanti li jiżdiedu mal-mortalità tal-ħut u d-deterjorament tal-ekosistema. Dawn il-fatturi antropoġeniċi u naturali kollha jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod olistiku permezz ta' miżuri ambjentali xierqa li, fost l-oħrajn, jippermettu s-salvagwardja tal-istokkijiet tal-ħut u jagħmluha possibbli għall-ispeċijiet fi status fqir li jergġhu lura għal livelli b'saħħithom u sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, l-interazzjonijiet tas-sajd imħallat, u l-impatt soċjali u ekonomiku;
8. JENFASIZZA l-kumplessità tas-settur minħabba d-differenzi fis-settur tas-sajd tal-UE, l-għadd u l-karatteristiċi tal-attivitajiet tas-sajd fuq skala żgħira, il-partikolaritajiet ta' kull baċir tal-baħar u s-sottoreġjuni tiegħu kif ukoll l-ispeċifikitajiet tat-trobbija tal-ħut f'kull Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi (kif previst fl-Artikolu 349 TFUE); JENFASIZZA WKOLL il-ħtieġa li jiġu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni li jistgħu jiġu adattati għall-ispeċifikitajiet reġjonali, sottoreġjonali u lokali u JISSOTTOLINJA li dawn il-miżuri għandhom ikunu ġustifikati, proporzjonati għall-benefiċċji mfittxija u bbażati fuq l-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u valutazzjoni komprensiva li tqis ukoll l-aspetti soċjoekonomiċi;

*I. NIMBUTTAW L-INTERESSI TAS-SAJD LIL HINN MILL-ILIMIJIET TAL-UE*

9. JINNOTA li l-kuntest ġeopolitiku nbidel sostanzjalment mill-aħħar riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-2013 u JINNOTA l-isfidi li dan jippreżenta għas-sajjieda, il-produtturi tal-akkwakultura, il-komunitajiet kostali u l-partijiet ikkonċernati kollha; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tanalizza bis-siġh u tirrapporta dwar l-impatt li kellu l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fuq il-funzjonament tal-PKS, b'mod partikolari fir-rigward ta' kif l-opportunitajiet tas-sajd tal-UE u tal-Istati Membri ntlaqtu bħala riżultat tat-trasferimenti tal-kwoti skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kif ukoll dwar l-isfidi li jirriżultaw mir-realtà l-ġdida ta' wara l-Brexit fejn għadd kbir ta' opportunitajiet tas-sajd tal-UE qed jiġu ddeterminati minn konsultazzjonijiet annwali ma' pajjiżi terzi; f'dan ir-rigward, JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-interessi tas-sajd tal-UE jiġu difiżi permezz tad-dimensjoni esterna tal-PKS, b'mod partikolari fil-kuntest ta' wara l-Brexit u l-qafas il-ġdid tar-relazzjonijiet tal-UE mar-Renju Unit fir-rigward tas-sajd mill-2026, b'kont meħud tal-istrumenti u l-oqfsa legali rilevanti u l-korpi dinjin, reġjonali, sottoreġjonali u settorjali rilevanti; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni timpenja ruħha meta jiġu proposti miżuri unilaterali ġodda u tiegħu azzjoni kmieni fil-proċess;

10. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib fi ħdan l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u ma' pajjiżi terzi dwar stokkijiet kondiviżi fil-livelli kollha sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-UE, tittejjeb il-governanza globali tal-oċeani, tiżdied is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali u tittejjeb il-vijabbiltà soċjali u s-sostenibbiltà ekoloġika tal-ktajjen tal-valur tal-ħut fil-livell internazzjonali;
11. Għalhekk, IQIS MEĦTIEĠ li tiġi żviluppata strateġija komprensiva u integrata għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u ftehimiet esterni futuri dwar is-sajd li jipproteġu l-interessi tal-komunitajiet kostali tal-Unjoni kif ukoll il-kwoti u l-aċċess għall-ilmijiet li dawn jiddependu minnhom; JENFASIZZA l-ħtieġa li din l-istrateġija tqis, fejn xieraq, l-aċċess għas-suq uniku tal-UE jew ingranaġġi adegwati oħra ta' negozjar;
12. JINNOTA b'sodisfazzjon kbir u JAPPOĠĠA bis-sħiħ il-konklużjoni reċenti tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji tas-Sajd, li għandu l-għan jabolixxi s-sussidji tas-sajd dannużi, u f'dan il-kuntest IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa biex tikkonkludi t-tieni fażi ta' negozjati li għaddejja mad-WTO biex tikkomplementa dan il-ftehim dwar il-kwistjonijiet pendenti fit-13-il konferenza Ministerjali tad-WTO, filwaqt li tiddefendi l-interessi u l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-kuntest tan-negozjati tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd inkluż is-sussidji għall-fjuwil biex jiġi żgurat sajd ekoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli;

13. JENFASIZZA l-ħtieġa li ssir hídma lejn kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ktajjen tal-valur responsabbli u sostenibbli fil-livell internazzjonali fil-baċiri kollha tal-baħar kemm fis-sajd kif ukoll fil-kummerċ ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija, inkluż is-settur tas-sajd kostali fuq skala żgħira, u jiġi żgurat li s-sovranità tal-ikel tal-UE ssir prijorità tal-UE f'konformità mal-politika l-ġdida tal-UE dwar politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva kif ukoll mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;
14. JINSISTI fuq il-fatt li s-sovranità tal-ikel tal-UE għandha titjeb, filwaqt li taħdem lejn kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' prodotti importati minn pajjiżi terzi u tqis li d-dipendenza esterna taqbeż is-70 % għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni teżamina kif il-prodotti tal-frott tal-baħar importati minn pajjiżi terzi jistgħu jiġu soġġetti għal standards ambjentali tal-UE u tippromwovi miżuri biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'dan il-qasam;
15. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tad-dimensjoni esterna tal-PKS u tal-UE fil-governanza internazzjonali tal-oċeani, li tmexxi bl-eżempju fil-protezzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar;
16. JISTENNA B'INTERESS l-aġġornament li jmiss tal-istrateġija Ewropea għas-sigurtà marittima u l-pjan ta' azzjoni tagħha u l-Komunikazzjoni Konġunta li jmiss dwar it-Tibdil fil-Klima, id-Degradazzjoni Ambjentali u dwar is-Sigurtà u d-Difiża biex tiġi indirizzata r-rabta bejn it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali taż-żoni kostali u marittimi u s-sigurtà marittima;

## *II. NAGĦTU S-SETGĦA LIN-NIES FIL-KOMUNITAJIET TAS-SAJD U TAL-AKKWAKULTURA*

17. JENFASIZZA l-fatt li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġi żgurat li s-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar tal-frott tal-baħar u l-komunitajiet kostali tal-UE jkollhom futur vijabbli u jkunu jistgħu jkomplu jiżguraw is-sigurtà tal-ikel; Għaldaqstant, JISSOTTOLINJA l-importanza li dawn l-attivitajiet isiru aktar attraenti billi jipprovdu perspettiva ekonomika, itejbu l-kondizzjonijiet soċjali u tax-xogħol, inkluż permezz tal-innovazzjoni, ikomplu jipproteġu l-bijodiversità tal-ambjent tal-baħar u jippromwovu r-rwol tas-sajjieda u tal-bdiewa tal-akkwakultura tal-baħar bħala "gwardjani tal-baħar" u fornituri ta' servizzi ta' interess pubbliku; JINDIKA l-opportunitajiet ta' arranġamenti innovattivi li joffru dawn il-professjonijiet, bħar-rabta tal-produzzjoni mal-bejgħ dirett jew it-turiżmu, b'mod partikolari għas-sajd kostali fuq skala żgħira u l-akkwakultura, filwaqt li jirrikonoxxi li opportunitajiet bħal dawn għad iridu jiġu vvalutati b'mod preċiż; JAPPELLA GĦAL proposti konkreti biex tiżdied l-attraenza tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE;
18. JILQA' B'SODISFAZZJON it-tneġġija ta' proġett ta' prospettiva parteċipattiva fl-UE kollha dwar is-"Sajjieda tal-Futur" li għandu r-rwol ibassar ir-rwol kruċjali tas-sajjieda fis-soċjetà, lil hinn mill-forniment ta' frott tal-baħar ta' kwalità għolja b'impronta tal-karbonju relattivament baxxa; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu identifikati aħjar ix-xejriet, l-opportunitajiet u t-theddid li jiddeterminaw l-attraenza tas-settur tas-sajd;

19. JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġi żgurat livell xieraq tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u l-ħtieġa ta' ċertezza legali fit-tul sabiex tiġi żgurata l-attrazzjoni tagħhom, kif ukoll it-tradizzjonijiet tas-sajd riportati, peress li settur tas-sajd li jiffunzjona tajjeb u dejjiemi jirrikjedi li l-leġislazzjoni tas-sajd tal-UE tkun sempliċi, tista' tiġi ġestita, aġġornata u adattata għas-settur, għas-soċjetà u għall-iżvilupp teknoloġiku;
20. JAQBEL li jsaħħa u jżid l-importanza u l-preżenza tan-nisa fis-settur tas-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar fl-UE kollha, filwaqt li jikkontribwixxi kemm għall-ġenerazzjoni tal-ġid u l-impjiegi kif ukoll għall-użu u l-konservazzjoni sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi;
21. IFAKKAR li l-flotot tas-sajd tal-UE għandhom jagħmlu sforzi biex isibu soluzzjonijiet alternattivi bil-għan li jnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija operazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw il-profittabbiltà u r-reżiljenza fit-tul tas-settur, u b'hekk isiru aktar effiċjenti filwaqt li jżommu l-oġettivi ta' sostenibbiltà fit-tul;
22. JINKORAĠĠIXXI miżuri li jtejbu l-kompetittività tas-settur tal-akkwakultura u l-aċċettabbiltà soċjali tiegħu billi jkomplu jiddiversifikaw u jżidu l-produzzjoni sostenibbli, jiżguraw ambjent tan-negozju b'saħħtu u jiżguraw valur miżjud għall-prodotti tiegħu kif ukoll inaqqsu d-dipendenza tiegħu fuq il-fjuwils fossili u l-konsum tal-enerġija;

23. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' sistemi aġġornati ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali biex jittejbu l-opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema u l-attraenza tas-settur għal parteċipanti ġodda sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija alternattivi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rkaptu u tekniki tas-sajd b'impatt baxx; F'dan ir-rigward, IĦEĠĠEĠ l-istabbiliment ta' sħubijiet ta' ħiliet fuq skala kbira;
24. JAPPOĠĠA l-ħidma tal-Kummissjoni biex jiġu żgurati standards għoljin għas-sikurezza u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda, b'mod partikolari fix-xena internazzjonali permezz tar-ratiffa u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F) u tal-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO); JISTENNA B'INTERESS proposta għal Direttiva biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' STCW-F fl-ordni legali tal-UE; IĦEĠĠEĠ BIL-QAWWA r-ratiffa aċċellerata tal-konvenzjonijiet tal-ILO u l-IMO;
25. JISSOTTOLINJA r-rwoli tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali biex jistrutturaw aħjar il-katina tal-valur u jtejbu l-kondizzjonijiet tas-suq permezz tal-ġestjoni kollettiva tal-attivitajiet tal-membri tagħhom u l-mutwalizzazzjoni tar-riżorsi;

26. IQIS MEĦTIEĠ li tissaħħaħ ir-reżiljenza soċjoekonomika fil-kuntest tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, prezzijiet tal-enerġija oġġla u volatili tal-enerġija, il-ħtieġa ta' aktar effiċjenza enerġetika u sostenibbiltà tas-settur u l-għan li tintlaħaq newtralità klimatika fl-UE sal-2050; IFAKKAR fil-pożizzjoni tal-Unjoni dwar it-tneħħija ta' taxxa fuq il-fjuwil fil-kuntest tan-negożjati tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u JISSOTTOLINJA l-importanza konsiderevoli li s-sistema ta' tassazzjoni għall-fjuwil tal-baħar għandha fuq is-settur tas-sajd, inkluż sajd fuq skala żgħira vulnerabbli; JILQA' l-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni għall-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, l-għarfien u l-innovazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol;
27. JAPPELLA lill-Kummissjoni tipprovdi gwida aħjar dwar għażliet ta' finanzjament, studji ta' fattibbiltà u valutazzjonijiet tal-impatt, kif ukoll evalwazzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta u tal-ħtiġijiet ta' kapaċità komplementari biex tiġi appoġġata u żgurata tranżizzjoni tal-enerġija b'suċċess u inċentivata fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE;
28. JAPPOĠĠA l-użu ta' approċċ minn isfel għal fuq, mill-2023, li jippermetti lill-komunitajiet lokali tas-sajd u tal-akkwakultura jindirizzaw sfidi u ħtiġijiet soċjoekonomiċi permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità taħt il-programmi tal-FEMSA 2021-2027;
29. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-korpi xjentifiċi iħaffu fil-ħidma li għaddejja biex ikomplu żviluppaw l-indikaturi soċjali għall-analiżi tar-rapporti soċjoekonomiċi; JAGĦRAF li l-miżuri ta' ġestjoni diġà jqisu l-impatti soċjoekonomiċi, iżda JAPPELLA GĦAL aktar żvilupp f'dan ir-rigward biex jissaħħu d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni infurmati, billi jitqiesu wkoll l-impatti territorjali fuq l-aktar reġjuni vulnerabbli u r-reġjuni ultraperiferiċi;

### *III. NIKKONTRIBWIXXU GĦALL-ĦARSIEN TAL-PJANETA*

30. JIKKONFERMA l-importanza tal-prinċipji ta' sostenibbiltà fil-ġestjoni tas-sajd u JTENNI l-  
ħtieġa li jitqiesu t-tliet pilastri tal-PKS, jiġifieri s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali;
31. GĦADU IMPENJAT BIS-SĦIĦ lejn is-salvagwardja tal-bijodiversità u l-konservazzjoni, ir-  
restawr u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar li fuqhom jiddependu stokkijiet tal-ħut  
b'saħħithom li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel u settur tas-sajd vijabbli fl-UE;
32. JESPRIMI r-rieda tiegħu li jħares il-bijodiversità, speċifikament speċijiet u ħabitats sensittivi  
milqutin minn attività ta' sajd fost l-oħrajn, inkluż, fejn possibbli, bl-użu ta' rkaptu tas-sajd  
sostenibbli eżistenti u l-implimentazzjoni ta' rkaptu tas-sajd modifikat jew imtejjeb, prattiki tas-  
sajd u rkaptu innovattiv ġdid imfassal għal dan l-għan, ibbażat fuq l-aħjar informazzjoni  
xjentifika disponibbli; JINNOTA l-importanza ta' ġbir ta' data aġġornata biex jipprovdi l-bażi  
għal parir xjentifiku u miżuri bbażati fuq dan il-parir; IFAKKAR fil-ħtieġa li jiġi żgurat il-  
finanzjament Ewropew tal-ġbir ta' data biex jintlaħqu dawk l-oġettivi ambizzjużi ħafna;

33. IFAKKAR li l-objettiv tal-PKS huwa li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jitmexxew b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi tal-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel u li l-approċċ prekawzjonarju jiġi applikat għall-ġestjoni tas-sajd; JENFASIZZA l-importanza li jissaħħa l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema sabiex jinkiseb l-istatus ambjentali tajjeb stabbilit permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, sabiex jiġi żgurat li l-impatti tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar jiġu minimizzati u li d-degradazzjoni tal-ambjent tal-baħar titnaqqas u, F'DAN IR-RIGWARD, ITENNI l-importanza tal-konsistenza u allinjament aħjar tal-implimentazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u l-PKS kemm jista' jkun, kull wiehied fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi u l-objettivi rispettivi tiegħu;
34. JAGĦRAF ir-rwol pożittiv li jaqdu s-sajjieda fil-kuntest tat-trattament tal-iskart filwaqt li jagħraf it-theddida għall-organiżmi selvaġġi tal-baħar minn Irkaptu tas-Sajd Abbandonat, Mitluf jew Skartat mod ieħor (ALDFG);
35. JINNOTA l-ħidma li għaddejja fuq il-valuri ta' limitu għar-rata ta' mortalità massima permissibbli minn qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi, u għall-firxa massima permissibbli ta' qiegħ il-baħar li tista' tintilef jew tintlaqat ħażin mill-pressjoni tal-bniedem, bħala parti mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina; JISĦAQ li l-miżuri biex inaqqsu l-qbid inċidentali ta' speċijiet sensittivi għandhom ikunu bbilanċjati, meta jitqies l-istil ta' ħajja tradizzjonali ta' komunitajiet tas-sajd kostali; JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun hemm għarfien xjentifiku tajjeb tal-ekosistema tal-baħar b'metodoloġija komuni bejn l-Istati Membri biex jinbnew daww il-valuri ta' limitu;

36. IFAKKAR fl-adozzjoni li jmiss tal-Ftehim legalment vinkolanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (BBNJ), li jagħraf li ż-żoni protetti tal-baħar (MPAs) huma deżinjati u ġestiti b'tali mod li jinkisbu objettivi speċifiċi u deġġiema ta' konservazzjoni tal-bijodiversità u jistgħu jippermettu, fejn xieraq, użu sostenibbli dment li jkun konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni;
37. JISSOTTOLINJA li l-użu ta' rkaptu bħas-sajd mobbli b'kuntatt mal-qiegħ fil-MPAs għandu għalhekk ikun konformi mal-aqwa xjenza disponibbli u mal-objettivi ta' konservazzjoni ta' kull MPA, u jqis l-impatt ambjentali reali tal-irkaptu u l-metodi tas-sajd differenti fuq id-diversi habitats u speċijiet skont l-objettivi ta' konservazzjoni partikolari ta' kull MPA;
38. JISSOTTOLINJA l-fatt li projbizzjoni ġenerali fuq l-irkaptu mobbli b'kuntatt mal-qiegħ fl-MPAs sal-2030 tkun tikkontradixxi mal-gwida eżistenti tal-Kummissjoni b'rabta mad-deżinjazzjoni tal-MPAs; JENFASIZZA l-fatt li sajd sostenibbli jista' jkun kompatibbli mal-eżistenza ta' MPAs skont l-objettivi ta' konservazzjoni partikolari ta' kull MPA; IFAKKAR li inizjattivi politiċi b'impatt potenzjalment kbir fuq is-settur tas-sajd u fuq il-komunitajiet kostali kif ukoll restrizzjonijiet speċifiċi għas-sajjieda għandhom jittieħdu biss abbażi ta' proposta leġiżlattiva; JISTQARR li jinsab lest li jidħol fi djalogu mal-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar kif jiġi minimizzat l-impatt tal-attivitajiet ta' sajd fuq qiegħ il-baħar fil-qafas tal-PKS, filwaqt li jqis ukoll il-possibbiltà li jipprovdi mekkaniżmi ta' kumpens adegwati;

39. JIDDISPJACIJI li ma sar ebda studju tal-impatt biex jappoġġa lill-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u t-talba tagħha li tittieħed azzjoni, għalkemm l-impatt soċjoekonomiku tal-miżuri proposti huwa importanti ħafna, speċjalment fir-rigward ta' flotto ta' sajd mobbli b'kontatt mal-qiegħ; f'dan ir-rigward, JAPPELLA GĦAL valutazzjoni tal-impatt komprensiva tal-pjan ta' azzjoni propost abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli bħala bażi għall-applikabbiltà operazzjonali u proporzjonali tal-azzjonijiet proposti u l-perjodi ta' implimentazzjoni tagħhom, fir-rigward tal-benefiċċji tagħhom għal ekosistemi tal-baħar b'saħħithom b'rabta mal-oġettivi ta' konservazzjoni u billi jitqiesu speċifikażzjonijiet reġjonali, sottoreġjonali u lokali, fosthom l-aktar reġjuni vulnerabbli u r-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll implikazzjonijiet finanzjarji, soċjoekonomiċi u soċjokulturali;
40. JINNOTA l-ħtieġa għal aktar kontributi biex tiġi implimentata l-istrateġija u l-miżuri tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 għal dan l-għan; JENFASIZZA l-ħtieġa li tingħata spinta lill-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni tal-UE dwar in-natura u li l-PKS tiġi allinjata aħjar mal-oġettivi tal-leġislazzjoni rilevanti dwar in-natura u l-ambjent;
41. HUWA IMPENJAT li jikkontribwixxi għall-oġettiv li jinholq network koerenti ta' MPAs ġestiti tajjeb u li, bħala mira tal-UE, jipproteġi b'mod konġunt mill-inqas 30 % taż-żoni tal-baħar tal-Istati Membri, li terz minnhom huma strettament protetti, f'konformità mal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità; għalhekk JAGĦRAF il-ħtieġa li jiġu introdotti miżuri tas-sajd fost miżuri oħra li huma meħtieġa sabiex ikun hemm konformità ma' dawn l-oġettivi; JINNOTA li r-Regolamenti dwar il-PKS u l-Miżuri Tekniċi jagħtu setgħa lill-Istati Membri, permezz tar-reġjonalizzazzjoni, biex jipproponu rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa bbażati fuq evidenza xjentifika u li din il-ħidma għadha għaddejja;

42. JAQBEL li hemm hteġa urġenti li jittejjeb l-istatus tal-popolazzjoni tas-sallura fil-periklu kritiku filwaqt li jitqies l-effett tat-tibdil fil-klima u l-impatt antropoġeniku; JENFASIZZA li miżuri effettivi għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea huma pan-Ewropej b'approċċ fit-tul u JINKORAĠĠIXXI riflessjoni dwar reviżjoni tar-Regolament eżistenti dwar is-sallura; IĦEĠĠEĠ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u d-diskussjonijiet fil-livell tal-esperti biex jgħinu biex jinstabu l-aktar miżuri xierqa biex tittieħed azzjoni immedjata u effettiva fil-livell tal-UE; JENFASIZZA l-hteġa li jitqies il-bord kollu tal-pressjonijiet antropoġeniċi lil hinn mis-settur tas-sajd u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni tas-sallura skedati għall-2024;
43. JAGĦRAF li l-kisba ta' livelli ta' rendiment massimu sostenibbli għall-istokkijiet tal-ħut sfruttati kummerċjalment hija prinċipju ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd; JISSOTTOLINJA l-punt li l-istokkijiet tal-ħut huma affettwati wkoll minn attivitajiet oħra tal-bniedem kif ukoll minn fatturi ambjentali bħat-tibdil fil-klima u l-predaturi u għalhekk JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' parir xjentifiku bbażat fuq l-ekosistema u għal diversi speċijiet, pereżempju b'kont meħud tal-impatt tat-tibdil fil-klima, l-alternazzjoni naturali ta' speċijiet u speċijiet bħal, iżda mhux limitati għal, ċetaċċi, foki u marguni dwar il-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli għall-istokkijiet affettwati u JFAKKAR fil-hteġa li jinstab approċċ ibbilanċjat li jqis il-pressjoni minn tali speċijiet kif ukoll l-impatt ta' attivitajiet ekonomiċi oħra fuq l-ekosistemi tal-baħar u qiegħ il-baħar;

44. JENFASIZZA li l-predaturi li jieklu l-ħut, jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tal-akkwakultura u s-sajd Ewropej; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tidentifika fil-ħin miżuri ta' ġestjoni effettivi u effiċjenti fl-UE kollha u biex tgħin fl-iżvilupp ta' dawn il-miżuri u soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mill-predaturi li għandhom impatt negattiv fuq l-akkwakultura mingħajr ma jħallu impatt fuq l-ekosistema jew jipperikolaw l-ispeċijiet protetti;
45. JIBQA' IMPENJAT għall-oġettivi li titnaqqas il-ħela tal-ikel, tiġi evitata mortalità bla bżonn tal-ħut u tiġi stimulata l-innovazzjoni biex jitnaqqas il-qbid inċidentali; JENFASIZZA l-importanza li l-attivitajiet tas-sajd jinżammu fil-livelli tar-rendiment massimu sostenibbli, u l-ħtieġa għal stima effettiva tal-qabdiet iddikjarati kumplessivi u l-ġhodod ta' kontroll assoċjati proporzjonati;
46. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza u r-rilevanza tal-leġislazzjoni attwali tal-UE dwar l-obbligu ta' ħatt l-art marbut mal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut kummerċjali; fid-dawl tad-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, minkejja ħidma estensiva mill-Istati Membri, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tibda din l-evalwazzjoni malajr kemm jista' jkun, filwaqt li tagħmel użu mill-informazzjoni ta' riċerka estensiva u d-data magħmula disponibbli mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati;

47. JENFASIZZA li huwa meħtieġ użu akbar ta' approċċ ekosistemiku fil-valutazzjonijiet xjentifiċi fil-ġestjoni tas-sajd biex jitqiesu l-impatti ambjentali, tat-tibdil fil-klima u tal-attività tal-bniedem kif ukoll il-predaturi li jaffettwaw l-istokkijiet tal-ħut. Approċċ bħal dan ser jirriżulta f'qafas olistiku u integrat ta' governanza tas-sajd li jindirizza l-kompromessi bejn il-kriterji ta' sostenibbiltà ekoloġiċi, soċjali (inkluż dawk kulturali u istituzzjonali) u ekonomiċi;
48. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu japplikaw tolleranza żero fir-rigward tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, inkluż minn pajjiżi terzi, u jippromwovu sajd sostenibbli li jiġġieled is-sajd eċċessiv u jnaqqas il-qabdiet aċċessorji u l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet mhedda u mhux mixtieqa fil-livell reġjonali u internazzjonali; IFAKKAR fil-ħtieġa li jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni l-ġodda skont ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi (ir-Regolament (UE) 2019/1241) f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u bl-involvement tal-Kunsill Konsultattiv rilevanti u li jiġu inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tal-apparat għall-esklużjoni tal-fkieren tal-baħar; JISSOTTOLINJA minn hemm 'il quddiem l-importanza ta' kondizzjonijiet ekwivalenti fil-livell internazzjonali u l-oġettiv ta' miżuri simili għall-importazzjonijiet tal-frott tal-baħar;

49. JENFASIZZA l-importanza ta' soluzzjonijiet innovattivi fit-tekniki tas-sajd kif ukoll fit-tekniki tas-sajd diġà fil-prattika biex jiġu minimizzati l-impatt ambjentali u l-impronta tal-karbonju, tiżdied is-selettività u jiġi żgurat li s-sajjieda jimminimizzaw kemm jista' jkun il-qabdiet aċċessorji u inċidentali ta' speċijiet tal-baħar sensittivi u jikkonformaw mal-obbligu ta' ħatt l-art;
50. ITENNI l-importanza li jithegġegħ l-użu ta' tekniki innovattivi f'konformità mal-oġettivi tal-PKS; JAQBEL li l-innovazzjoni għandha tiġi appoġġata finanzjarjament u permezz ta' inċentivi speċifiċi; u JFAKKAR li dan huwa saħansitra aktar rilevanti għas-sajd kostali fuq skala żgħira u għall-operaturi tal-akkwakultura b'marġni ta' profitt baxx;
51. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żgurati l-koerenza u l-appoġġ reċiproku mal-inizjattivi kollha fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-oġettivi tal-UE u tal-Istati Membri relatati, fost l-oħrajn, mas-sigurtà tal-ikel, is-saħħa, it-tibdil fil-klima, l-ambjent u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali terrestri u tal-baħar;
52. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-istrumenti finanzjarji eżistenti bħall-programmi FEMSA u LIFE fil-kisba tal-oġettivi tal-PKS, id-Direttiva dwar il-Habitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, iżda JISSOTTOLINJA l-fatt li huma meħtieġa sforzi deċiżivi sabiex jiġu identifikati b'mod ċar opportunitajiet ta' finanzjament alternattivi malajr kemm jista' jkun;

53. ITENNI l-importanza tar-reġjonalizzazzjoni, permezz tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet konġunti fil-livell reġjonali, kif ukoll miżuri konġunti ma' pajjiżi terzi li jisfruttaw l-istess stokkijiet tal-ħut, sabiex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sajd u l-ambjent fir-rigward tal-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd u l-promozzjoni tagħha fil-livell internazzjonali biex il-pajjiżi terzi jiġu mħeġġa jsegu l-ambizzjoni tal-UE;
54. HUWA KONXJU tal-importanza tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-akkwakultura fl-UE u tal-isfidi attwali u pendenti għat-tkabbir ta' dan is-settur, inkluż l-ostakli eżistenti li jfixxlu l-investment fis-settur tal-akkwakultura tal-UE; JISTENNA B'INTERESS id-dokumenti ta' gwida li l-Kummissjoni biħsiebha toħroġ biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-"Linji Gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni fl-2021 għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2031" tagħha; JAPPOĠĠA l-viżjoni ċara tal-oġettivi u l-isfidi li għandhom jitqiesu u tal-azzjonijiet speċifiċi meħtieġa biex dan is-settur jikseb il-potenzjal tiegħu f'termini ta' provvista tal-ikel sostenibbli, żvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment fiż-żoni rurali u kostali madwar l-UE;
55. JILQA' d-dokument tal-Kummissjoni "Lejn Setturi tal-Algi tal-UE b'Saħħtu u Sostenibbli" u l-isforzi tal-Kummissjoni biex tappoġġa żviluppi sostenibbli fis-settur tal-algi tal-UE; JIRRIKONOXXI li t-trobbija riġenerattiva tal-algi għandha l-potenzjal li ssir parti sinifikanti mill-bijoeconomija blu tal-UE u tista' tipprovdi lis-sajjieda tal-UE u atturi oħra fiż-żoni kostali u rurali b'opportunitajiet biex jiddiversifikaw l-attivitàjiet ekonomiċi tagħhom; JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi pjattaforma trażversali Ewropea għall-partijiet ikkonċernati tal-algi (EU4Algae);

56. JINNOTA li t-titjib fit-trattament xieraq tal-annimali huwa meħtieġ biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tipprovdi gwida dwar it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali akkwatiċi, b'kont meħud tal-fattibbiltà Prattika fil-ġestjoni tas-sajd u l-akkwakultura, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli żżid l-għarfien ibbażat fuq ix-xjenza dwar it-trattament xieraq tal-annimali akkwatiċi u biex tqis din ir-riċerka fl-iżvilupp tal-politika; JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni nediet sejħa għall-għażla u l-ħatra ta' ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali akkwatiċi u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tinkludi dispożizzjonijiet għat-titjib tat-trattament xieraq tal-ħut imrobbi fil-proposti mħabbra tagħha għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali;

#### *IV. INTEJBU L-GOVERNANZA TAL-PKS*

57. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-PKS kemm għas-sajd kif ukoll għall-akkwakultura, u JENFASIZZA r-rwol importanti tagħhom fl-ibbilanċjar tal-konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar u l-kompetittività tal-flotot u għaldaqstant il-kontribut tagħhom għas-sigurtà tal-ikel; HUWA KONVINT li t-titjib ta' dawn l-istrutturi u l-promozzjoni tal-ħolqien ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali u organizzazzjonijiet professjonali tranżnazzjonali fejn meħtieġ ser ikomplu jsaħħu l-funzjonament tajjeb tal-katina tal-valur u jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-PKS, b'mod partikolari billi jitqies il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li jistgħu jiġu implimentati minn organizzazzjonijiet interprofessjonali;

58. JIEĦU NOTA tal-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni; JAQBEL DWAR il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-regoli tar-regolamentazzjoni orizzontali tal-UE dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi u r-regoli dwar l-informazzjoni għall-konsumatur fir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq u JAQBEL li l-informazzjoni dwar it-tikketti tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati;

59. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ħidma tal-gruppi reġjonali fi ħdan l-Istati Membri u JENFASIZZA l-kontribut pożittiv ta' tali gruppi għall-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-PKS; JAGĦRAF, madankollu, li hemm ammont ta' xogħol addizzjonali sinifikanti għall-Istati Membri assoċjat mar-reġjonalizzazzjoni; Għalhekk, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex taħdem mal-Istati Membri sabiex jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati l-proċeduri u minimizzat il-piż amministrattiv annwali, biex b'hekk il-partijiet kollha kkonċernati jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv f'din il-ħidma; JENFASIZZA li għandha tingħata aktar gwida; JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol importanti tal-kunsilli konsultattivi f'dan il-kuntest u fi ħdan il-PKS b'mod aktar ġenerali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tevalwa l-proċessi tal-STEFC mil-lat tal-konsistenza fl-evalwazzjonijiet u sabiex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza għall-Istati Membri;
60. JAQBEL li t-trasparenza dwar il-kriterji ta' allokazżjoni użati għall-kwota tas-sajd hija importanti; JENFASIZZA li d-definizzjoni tal-kriterji għall-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fil-livell nazzjonali hija fil-kompetenza tal-Istati Membri fi ħdan il-qafas stabbilit mill-Artikolu 17 tal-PKS;
61. IFAKKAR li l-aħħar tliet snin kienu perjodu ta' taqlib bla preċedent għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura; JISTIEDEN, għalhekk, lill-Kummissjoni tippromwovi l-istabbiltà billi twettaq valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa għall-proposti leġiżlattivi futuri kollha li huma mistennija li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, inkluż valutazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-miżuri proposti u l-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali b'mod integrat u bbilanċjat;

62. JENFASIZZA r-rwol tal-Ippjanar Spazjali Marittimu, imsejjes fuq approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq l-ekosistemi, fl-appoġġ tal-kisba tal-miri ta' konservazzjoni u restawr u fil-mitigazzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatt dannuż tal-attivitajiet kollha tal-bniedem fiż-żoni kostali u lil hinn mill-kosta, kif ukoll il-kontribut tiegħu għal ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli u l-ħtieġa ta' approċċ aktar koordinat li jippromwovi s-sinerġiji bejn l-oqsma ta' politika u l-leġiżlazzjoni fl-Unjoni;
63. JINNOTA f'dan il-kuntest l-għanijiet fit-tul maqbula għall-użu tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-ilmijiet tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u r-restrizzjonijiet li dan jinvolti għall-operat tal-flotot tas-sajd, l-awtosuffiċjenza tal-UE fil-prodotti tal-ħut u l-konservazzjoni tal-baħar u JENFASIZZA l-ħtieġa f'dan ir-rigward li jiġu preservati ż-żoni tas-sajd importanti u li jiġi esplorat il-potenzjal possibbli tal-koeżistenza tal-parks eoliċi, is-sajd u l-akkwakultura bħala kwistjoni Ewropea komuni li huma konformi mal-pjanijiet għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, filwaqt li jiġu mminimizzati l-konsegwenzi tagħha għas-settur tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ħabitats tal-baħar;

*V. IL-PKS TISFRUTTA L-POTENZJAL TAL-INNOVAZZJONI U TAL-INVESTIMENT SOSTENIBBLI*

64. JILQA' l-istabbiliment propost ta' Sħubija għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija (ETP) għas-Sajd u l-Akkwakultura tal-UE; JISSUĠĠERIXXI li l-qafas u l-istruttura tal-ETP għandhom jiddefinixxu aħjar il-mandat tagħha sabiex tilħaq l-oġettivi tagħha;

65. JENFASIZZA n-nuqqas ta' għażliet vijabbli ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-bastimenti tas-sajd u tal-akkwakultura attwalment disponibbli u l-ostakli tekniċi, regolatorji u finanzjarji għall-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' tali sorsi tal-enerġija; JENFASIZZA li l-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom jiġu appoġġati fil-proċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija;
66. JAQBEL li oqfsa ta' investiment u opportunitajiet ta' finanzjament xierqa tul il-katina tal-valur huma kruċjali biex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni tal-enerġija; JINNOTA f'dan ir-rigward li l-FEMSA huwa limitat wisq biex inaqqas id-distakk lejn l-innovazzjoni sostenibbli għal settur li huwa varjat ħafna, fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq il-fjuwils fossili u kkaratterizzat l-aktar minn negozji fuq skala żgħira; Għalhekk, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tirrieżamina l-FEMSA attwali sabiex dan ikun jista' jgħin biex tingħata spinta lit-tranżizzjoni tal-enerġija; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipprovdi gwida dwar, u tiżviluppa aktar, l-għażliet ta' finanzjament u l-assistenza finanzjarja għal miżuri li jimmiraw speċifikament l-emissjonijiet żero jew it-teknoloġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-investiment fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE;
67. JAPPOĠĠA l-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġija diġitali bħala opportunità biex jittejjeb l-operazzjoni tal-flotta u tiġi mmonitorjata u miġbura firxa usa' ta' data biex jiġu infurmati l-proċessi xjentifiċi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li jiġi żgurat l-osservazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u tiġi evitata żieda eċċessiva fil-piż amministrattiv;
68. JENFASIZZA l-importanza tal-FEMSA fl-appoġġ tal-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni tal-enerġija kif ukoll fondi oħra tal-UE bħal Orizzont, il-programm LIFE u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; JAGĦRAF li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri fi proġetti ta' riċerka huwa importanti wkoll; JISTIEDEN lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tas-sitwazzjoni attwali fil-livell reġjonali bil-ħsieb li tipproponi strateġija biex tindirizzaha u twettaq rieżami raġonevoli tal-għażliet ta' finanzjament biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija tal-flotta tas-sajd tal-UE u JENFASIZZA l-ħtieġa li l-FEMSA jiġi ssimplifikat fir-rigward tal-ġajjnuna għall-investiment biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti, inkluż meta s-segment ma jkunx fekwilibriju;

69. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-eliġibbiltà għall-finanzjament ta' bastimenti tas-sajd ġodda f'konformità mar-Regolament dwar il-PKS, il-ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU sabiex jiġu promossi d-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni tal-enerġija tal-flotta, jiġi permess u jitħaffef l-użu ta' rkaptu tas-sajd innovattiv u aktar selettiv, tiżdied is-sikurezza u tiżdied l-attraenza għas-sajjieda żgħażaġh u tal-karrieri "blu" assoċjati mas-sajd, filwaqt li jiġu evitati l-kapaċità żejda u s-sajd eċċessiv;
70. Għalhekk, JAPPOĠĠA l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiżviluppa gwida speċifika u bażi ta' data komprensiva dwar l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura;
71. JAQBEL li l-innovazzjoni għandha tiġi ppremjata u JAPPOĠĠA l-ħolqien ta' premju annwali għall-innovazzjoni sostenibbli fis-sajd, bl-appoġġ tal-kunsilli konsultattivi;
72. JINNOTA l-inizjattiva tal-Kummissjoni li żżid il-flessibbiltà tal-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd tagħhom f'kooperazzjoni mas-settur u mal-appoġġ finanzjarju tal-UE u dak nazzjonali fejn eliġibbli; JIĠBED L-ATTENZJONI għall-fatt li l-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd huma ostaklu għall-bidla strutturali lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-sajd u huma żejda fis-sistemi ta' ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut fejn il-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut hija żgurata billi jiġu stabbiliti TACs u kwoti annwali jew fil-każ ta' sajd kostali fuq skala żgħira fejn jintuża rkaptu tas-sajd passiv biex jiġu mmirati l-istokkijiet lokali, li mhumex ġestiti fil-livell tal-UE u fejn hemm fis-seħħ miżuri ta' ġestjoni nazzjonali, u għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirriforma l-kalkolu tal-kapaċità tal-flotta tal-Istati Membri, filwaqt li teskludi wkoll it-tunnellaġġ addizzjonali ddedikat biss għad-dekarbonizzazzjoni;
73. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' sistema trasparenti tal-UE biex jiġu rikonoxxuti u ppremjati l-produtturi għall-ġestjoni sostenibbli tal-akkwakultura li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u/jew li tippermetti servizzi tal-ekosistema addizzjonali, sabiex il-produtturi jiġu mmotivati jiksibu prestazzjoni ambjentali u soċjoekonomika aħjar tal-akkwakultura;

*VI. "PATT GĦAS-SAJD U L-OĊEANI" LI JWITTI T-TRIQ GĦALL-FUTUR*

74. JIEĦU NOTA tal-"Patt għas-Sajd u l-Oċeani" tal-Kummissjoni biex jerġa' jikkonferma l-impenn konġunt għall-implimentazzjoni shiġha tal-politika attwali u l-kontribut għar-riflessjonijiet u l-valutazzjonijiet meħtieġa ta' ċerti elementi tal-PKS;
75. IQIS MEĦTIEĠ LI titkompla l-ħidma fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tas-sajd fil-livell internazzjonali wkoll, bħala kontribut għall-protezzjoni tal-oċeani u għall-iżgurar tal-provvista tal-ikel u l-impjiegi fl-UE.
-